

- tikkundanna lill-konvenut għas-somma globali ta' EUR 100 000 bħala kumpens għad-danni morali sostnuti; u
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

### **Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka s-segwenti motivi:

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq żabalji ta' proċedura:
  - ksur tal-prinċipju ta' imparzjalit, tal-prinċipju ta' ugwaljanza f'dak li jikkonċerna l-proċedura li għandha tiġi segwita fl-evalwazzjoni tal-kandidati proposti mill-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura, tar-rekwiżiti formali essenzjali previsti fl-Artikoli 1 sa 3 tad-Deċiżjoni Nru 013/2020 tal-korp kolleġjali li jikkonċerna l-proċedura ta' għażla tal-Prosekuturi Delegati Ewropej, tal-obbligu li jinkiteb proċess verbal tal-intervista u tad-dritt għal smiġħ.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni tad-deċiżjonijiet ikkontestati.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni u ta' qbiż tal-limiti tas-setgħha diskrezzjonali.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq użu ħażin ta' poter.

### **Rikors ippreżentat fit-12 ta' Lulju 2022 – PV vs L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew**

**(Kawża T-443/22)**

**(2022/C 380/20)**

*Lingwa tal-kawża: il-Grieg*

### **Partijiet**

*Rikorrent: PV (rappreżentant: P. Yatagantzidis, avukat)*

*Konvenut: L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew*

### **Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħgħobha:

- tannulla d-deċiżjonijiet ikkontestati, jiġifieri: (a) id-deċiżjoni li l-kulleġġ tal-konvenut adotta fit-23 ta' Marzu 2022, Nru 015/2022 li tħieħad l-ilment imressaq fit-3 ta' Diċembru 2021 kontra d-deċiżjoni tal-kulleġġ tal-konvenut adottata fit-8 ta' Settembru 2021, Nru 090/2021, (b) id-deċiżjoni li l-kulleġġ tal-konvenut adotta fit-8 ta' Settembru 2021, Nru 090/2021, (c) id-deċiżjoni li l-kulleġġ tal-konvenut adotta fit-30 ta' Mejju 2022, Nru 021/2022 u (d) kull att ieħor relatat jew omissjoni tal-korpi tal-konvenut;
- tikkundanna lill-konvenut għas-somma globali ta' EUR 100 000 bħala kumpens għad-danni morali sostnuti; u
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

### **Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka l-istess motivi invokati fil-Kawża T-442/22, PU vs L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew.